**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar, 2002**

**Numru 24**

**Avviz numru 1663/01JR**

**Maltacom plc**

**vs**

**Patrick Mizzi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija disgha u sebghin lira Maltija sitta u ghoxrin centezmu (Lm179.26), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefonici bin-numri 318430 u 387 (skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti Dok.A, B, C u D);**

**Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza;**

**Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenut kif ukoll bl-ispejjez ta' l-ittra interpellatorja datata 23 ta' Mejju, 2001, li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Noel Scerri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija disgha u sebghin lira Maltija sitta u ghoxrin centezmu (Lm179.26), bl-imghaxijiet legali mit-3 ta' Dicembru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 23 ta' Mejju, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**